2024/2868

8.11.2024

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2024/2868

tal-5 ta' Novembru 2024

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti dwar proposti għal modifiki tar-Regolamenti tan-NU Nru 0, 10, 13, 13-H, 14, 16, 17, 21, 25, 29, 43, 46, 74, 80, 86, 94, 95, 100, 110, 114, 116, 118, 125, 127, 129, 134, 135, 137, 145, 147, 148, 149, 153, 157, 158, 166, 167, u 171, dwar proposti għal regolament ġdid tan-NU dwar l-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza, is-sistemi ta' trażżin, is-sistemi ta' trażżin għat-tfal, is-sistemi ISOFIX ta' trażżin tat-tfal u s-sistemi i-Size ta' trażżin tat-tfal, regolament ġdid tan-NU dwar it-tfakkiriet għall-qfil taċ-ċinturin tas-sikurezza, regolament ġdid tan-NU dwar dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tal-kontroll tal-aċċellerazzjoni għall-iżbalji tal-pedala, u regolament ġdid tan-NU dwar l-assistent tal-kamp ta' viżjoni, dwar proposti għal modifiki tar-regolamenti tekniċi globali tan-NU Nru 6, 7 u 14, dwar proposta għal emenda tar-riżoluzzjoni konsolidata dwar l-ispeċifikazzjoni komuni tal-kategoriji tas-sorsi tad-dawl, dwar proposta għal emenda tar-riżoluzzjoni reċiproka tan-NU Nru 1 u dwar proposta għal termini ta' referenza tal-grupp ta' ħidma informali dwar l-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 114, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE [1], l-Unjoni aderiet mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti (NUKEE) li jikkonċerna l-adozzjoni ta' preskrizzjonijiet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jiġu ffittjati u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti u l-kondizzjonijiet għar-rikonoxximent reċiproku tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijiet (il-"Ftehim Rivedut tal-1958"). Il-Ftehim Rivedut tal-1958 daħal fis-seħħ fl-24 ta' Marzu 1998.

(2) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE [2], l-Unjoni aderiet mal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet li jistgħu jiġu ffittjati u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti (il-"Ftehim Parallel"). Il-Ftehim Parallel daħal fis-seħħ fil-15 ta' Frar 2000.

(3) Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3] jistabbilixxi dispożizzjonijiet amministrattivi u rekwiżiti tekniċi għall-approvazzjoni tat-tip u l-introduzzjoni fis-suq tal-vetturi, sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati ġodda kollha. Dak ir-Regolament jinkorpora r-regolamenti li ġew adottati skont il-Ftehim Rivedut tal-1958 ("ir-regolamenti tan-NU") fis-sistema tal-approvazzjoni tat-tip tal-UE, bħala rekwiżiti għall-approvazzjoni tat-tip jew bħala alternattivi għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni.

(4) Skont l-Artikolu 1 tal-Ftehim Rivedut tal-1958 u l-Artikolu 6 tal-Ftehim Parallel, il-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NUKEE (WP.29) jista' jadotta proposti għal modifiki tar-regolamenti tan-NU, ir-regolamenti tekniċi globali tan-NU (GTRs tan-NU) u r-riżoluzzjonijiet tan-NU, kif ukoll proposti għal regolamenti tan-NU, GTRs tan-NU u riżoluzzjonijiet tan-NU ġodda dwar l-approvazzjoni tal-vetturi. Barra minn hekk, skont

[1] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/836/KE tas-27 ta' Novembru 1997 bil-ħsieb tal-adeżjoni tal-Komunità Ewropea mal-Ftehim tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa li tikkonċerna l-addozzjoni tal-preskrizzjonijet tekniċi uniformi għall-vetturi bir-roti, tagħmir u partijiet liema jistgħu ikunu iffittjati ma' u/jew ikunu wżati ma' vetturi bir-roti u l-kondizzjonijet reċiproċi tal-approvazzjonijiet mogħtija fuq il-bażi ta' dawn il-preskrizzjonijet ("Ftehim Rivedut tal-1958") (ĠU L 346, 17.12.1997, p. 78).

[2] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2000/125/KE tal-31 ta' Jannar 2000 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim li jistabbilixxi regolamenti tekniċi globali għall-vetturi bir-roti, apparat u partijiet li jistgħu jitwaħħlu u/jew jintużaw f'vetturi bir-roti ("Ftehim Parallel") (ĠU L 35, 10.2.2000, p. 12).

[3] Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2007 u (KE) Nru 595/2009 u li jħassar id-Direttiva 2007/46/KE (ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1).

dawk id-dispożizzjonijiet, id-WP.29 tan-NUKEE jista' jadotta proposti għal awtorizzazzjonijiet biex jiġu żviluppati emendi għall-GTRs tan-NU jew biex jiġu żviluppati GTRs ġodda tan-NU, u jista' jadotta proposti għall-estensjoni tal-mandati għall-GTRs tan-NU.

(5) Mit-12 sal-15 ta' Novembru 2024, matul il-194 sessjoni tiegħu,, id-WP.29 jista' jadotta: proposti għal modifiki tar-regolamenti tan-NU Nru 0, 10, 13, 13-H, 14, 16, 17, 21, 25, 29, 32, 33, 43, 46, 74, 80, 86, 94, 95, 100, 110, 114, 116, 118, 125, 127, 129, 134, 135, 137, 145, 147, 148, 149, 153, 157, 158, 166, 167, u 171; proposti għal regolament ġdid tan-NU dwar l-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza, is-sistemi ta' trażżin, is-sistemi ta' trażżin għat-tfal, is-sistemi ISOFIX ta' trażżin tat-tfal u s-sistemi i-Size ta' trażżin tat-tfal, regolament ġdid tan-NU dwar it-tfakkiriet għall-qfil taċ-ċinturin tas-sikurezza, regolament ġdid tan-NU dwar dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tal-kontroll tal-aċċellerazzjoni għall-iżbalji tal-pedala, u regolament ġdid tan-NU dwar l-assistent tal-kamp ta' viżjoni; proposti għal modifiki GTR tan-NU Nru 6, 7, u 14; proposta għal emenda tar-riżoluzzjoni konsolidata dwar l-ispeċifikazzjoni komuni tal-kategoriji tas-sorsi tad-dawl; proposta għal emenda tar-riżoluzzjoni reċiproka tan-NU Nru 1; proposta għal termini ta' referenza tal-grupp ta' ħidma informali dwar l-ispezzjonijiet tekniċi perjodiċi (IWG dwar il-PTI).

(6) Ir-regolamenti tan-NU se jkunu vinkolanti għall-Unjoni. Flimkien mar-riżoluzzjonijiet tan-NU u l-GTRs tan-NU, se jkunu jistgħu jinfluwenzaw b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE fil-qasam tal-approvazzjoni tat-tip tal-vetturi. Għalhekk, jixraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 rigward l-adozzjoni ta' dawk il-proposti.

(7) Sabiex jiġu riflessi l-esperjenza fil-qasam u l-iżviluppi tekniċi, jeħtieġ li jiġu emendati jew supplimentati r-rekwiżiti għal ċerti aspetti jew karatteristiċi koperti mir-Regolamenti tan-NU Nru 0, 10, 13, 13-H, 14, 16, 17, 21, 25, 29, 43, 46, 74, 80, 86, 94, 95, 100, 110, 114, 116, 118, 125, 127, 129, 134, 135, 137, 145, 147, 148, 149, 153, 157, 158, 166, 167, u 171, il-GTR tan-NU Nru 6, 7, u 14, ir-riżoluzzjoni konsolidata dwar l-ispeċifikazzjoni komuni tal-kategoriji tas-sorsi tad-dawl; u r-riżoluzzjoni reċiproka tan-NU Nru 1.

(8) Sabiex ikun jista' jsir progress tekniku u sabiex tittejjeb is-sikurezza, jeħtieġ li jiġi adottat regolament ġdid tan-NU dwar l-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza, is-sistemi ta' trażżin, is-sistemi ta' trażżin għat-tfal, is-sistemi ISOFIX ta' trażżin tat-tfal u s-sistemi i-Size ta' trażżin tat-tfal, regolament ġdid tan-NU dwar it-tfakkiriet għall-qfil taċ-ċinturin tas-sikurezza, regolament ġdid tan-NU dwar dispożizzjonijiet uniformi għall-approvazzjoni tal-kontroll tal-aċċellerazzjoni għall-iżbalji tal-pedala, u regolament ġdid tan-NU dwar l-assistent tal-kamp ta' viżjoni.

(9) Sabiex tiġi żgurata l-kontinwazzjoni tal-ħidma tal- IWG dwar il-PTI fir-rigward tal-konformità tal-vetturi tul il-ħajja kollha, jeħtieġ li tiġi adottata l-proposta Finlandiża għal termini ta' referenza għall-IWG dwar il-PTI, filwaqt li jiġu rrifjutati l-proposti għal termini ta' referenza ppreżentati mill-IWG dwar il-PTI u mill-Federazzjoni Russa. Għalhekk, huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fid-WP.29 dwar l-adozzjoni tal-proposta Finlandiża (u, b'hekk, jiġu rrifjutati l-proposti ppreżentati mill-IWG dwar il-PTI u mill-Federazzjoni Russa).

(10) Dawk il-proposti huma f'konformità mal-politika tas-suq intern tal-UE dwar l-industrija tal-karozzi fir-rigward tas-sikurezza, l-awtomatizzazzjoni u l-emissjonijiet, kif ukoll il-politiki tagħha dwar il-ġeopolitika, it-trasport, il-klima u l-enerġija u għandhom impatt pożittiv ħafna fuq il-kompetittività tal-industrija tal-karozzi tal-UE u fuq il-kummerċ internazzjonali.

(11) Fid-dawl ta' dawk il-benefiċċji, huwa ssuġġerit li ssir votazzjoni favur dawk il-proposti.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-194 sessjoni tal-Forum Dinji għall-Armonizzazzjoni tar-Regolamenti tal-Vetturi tan-NUKEE li se ssir bejn it-12 u l-15 ta' Novembru 2024 għandha tkun li tivvota favur il-proposti elenkati fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-addozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Novembru 2024.

Għall-Kunsill

Il-President

VARGA M.

ANNESS

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Kontenut tal-proposta	Referenza tad-dokument [1]
0	Proposta għas-serje ta' emendi 07 tar-Regolament tan-NU Nru 0 (IWVTA) ECE/TRANS/WP.29/1179, il-para. 78, abbażi ta' WP.29-193-16	L-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu dispożizzjonijiet tranżizzjonali ġodda.	ECE/TRANS/WP.29/2024/89
10	Proposta għas-serje ta' emendi 07 tar-Regolament tan-NU Nru 10 (Kompatibbiltà elettromanjetika) ECE/TRANS/WP.29/GRE/90, il-para. 29, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2023/27/Rev.1 kif emendat bi GRE-90-19, GRE-90-21-Rev.3, GRE-90-36, GRE-90-37 u GRE-90-38	L-emendi proposti għandhom l-għan li jintroduċu dispożizzjonijiet tranżizzjonali ġodda għat-testijiet tal-immunità rradjata. Barra minn hekk, il-proposta għandha l-għan li tiċċara l-għadd minimu ta' kundizzjonijiet operattivi fi stat stabbli tas-sistemi ta' propulsjoni tal-vetturi li jridu jiġu kkunsidrati fil-pjan tat-test. Il-proposta tipproponi wkoll li l-firxa ta' frekwenzi tat-test tal-immunità elettromanjetika tiġi estiża għal 6 GHz sabiex tiġi żgurata r-robustezza fir-rigward tas-servizzi mobbli tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku u tintroduċi l-kamra tar-riverberazzjoni għat-test tal-immunità elettromanjetika tas-subassemblaġġi elettriċi/elettroniċi f'konformità mal-ISO 11452-11. Il-proposta tintroduċi wkoll limiti ġodda ta' emissjonijiet għal vetturi li jiġu ċċarġjati biss f'ambjenti mhux residenzjali.	ECE/TRANS/WP.29/2024/90
13	Proposta għas-serje ta' emendi 14 tar-Regolament tan-NU Nru 13 (Ibbrejkjar tal-vetturi tqal) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/19, il-para. 97, 74 u 76, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2023/10, ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2024/25 (kif emendat bid-dokument informali GRVA-19-23), u GRVA-19-11	L-emendi proposti għandhom l-għan li jtejbu l-konsistenza fl-interpretazzjoni tar-rekwiżiti tal-Anness 18, li jallinjaw it-test fir-regolament tan-NU Nru 13 ma' dak tal-Anness 6 tar-regolament tan-NU Nru 79 u li jirrikjedu l-istess proċeduri ta' valutazzjoni kemm għas-sistemi ta' kontroll elettroniku kif ukoll għas-sistemi kumplessi ta' kontroll elettroniku. L-emendi proposti għandhom ukoll l-għan li jintroduċu dispożizzjonijiet tranżizzjonali ġodda.	ECE/TRANS/WP.29/2024/143
13	Proposta għas-Suppliment 23 tas-serje ta' emendi 11 tar-Regolament tan-NU Nru 13 (Ibbrejkjar tal-Vetturi Tqal) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/19, il-para. 76, abbażi tad-dokument informali GRVA-19-11	L-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw il-ħtieġa li jiġi applikat, meta rilevanti, it-test tat-Tip IIA għal skopijiet alternattivi tal-firrodi tal-brejkijiet.	ECE/TRANS/WP.29/2024/148

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Kontenut tal-proposta	Referenza tad-dokument [1]
13	Proposta għas-Suppliment 5 tas-serje ta' emendi 12 tar-Regolament tan-NU Nru 13 (Ibbrejkjar tal-Vetturi Tqal) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/19, il-para. 76, abbażi tad-dokument informali GRVA-19-11	L-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw il-ħtieġa li jiġi applikat, meta rilevanti, it-test tat-Tip IIA għal skopijiet alternattivi tal-firrodi tal-brejkijiet.	ECE/TRANS/WP.29/2024/149
13	Proposta għas-Suppliment 3 tas-serje ta' emendi 13 tar-Regolament tan-NU Nru 13 (Ibbrejkjar tal-Vetturi Tqal) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/19, il-para. 76, abbażi tad-dokument informali GRVA-19-11	L-emendi proposti għandhom l-għan li jiċċaraw il-ħtieġa li jiġi applikat, meta rilevanti, it-test tat-Tip IIA għal skopijiet alternattivi tal-firrodi tal-brejkijiet.	ECE/TRANS/WP.29/2024/150
13-H	Proposta għas-Suppliment 6 tas-serje ta' emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 13-H (Ibbrejkjar tal-karozzi tal-passiġġieri) ECE/TRANS/WP.29/GRVA/19, il-para. 71, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRVA/2024/26 (kif emendat bid-dokument informali GRVA-19-24)	L-emendi proposti jfittxu li jippermettu l-użu ta' sistemi tal-ibbrejkjar li jiddependu purament fuq l-użu tal-enerġija elettrika maħżuna, ikkontrollati mis-sewwieq, biex jipprovdu l-prestazzjoni tal-ibbrejkjar ta' servizz preskritta f'dan ir-regolament. Il-proposta tirrifletti, fejn xieraq, il-bidliet proposti tar-regolament tan-NU Nru 13 u tinkludi dispożizzjonijiet addizzjonali li jirrikjedu li s-sistema tal-ġestjoni tal-enerġija turi twissija fil-bidu ta' ċiklu tal-użu.	ECE/TRANS/WP.29/2024/147, WP.29-194-08
14	Proposta għas-Suppliment 4 tas-Serje ta' Emendi 09 tar-Regolament tan-NU Nru 14 (Ankraġġi taċ-ċinturini tas-sikurezza) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para.30, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2024/7, kif emendat bl-Anness VII tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aktar emenda reċenti (reviżjoni 7) tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' kalibrazzjoni, li tiżgura li l-magna tal-punt "H" tridimensjonali użata għall-ittestjar kollu fir-Regolamenti tan-NU u r-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU tkun konsistenti u tagħti riżultati tat-testijiet konsistenti fost ir-regolamenti kollha.	ECE/TRANS/WP.29/2024/123
16	Proposta għas-Serje ta' Emendi 10 tar-Regolament tan-NU Nru 16 (Ċinturini tas-sikurezza) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para.12, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2024/4 kif emendat bl-Anness III tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jaġġornaw rekwiżiti speċifiċi, inklużi dispożizzjonijiet tranżizzjonali, u l-proċess ta' approvazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza u tas-sistemi ta' trażżin biss, b'segwitu għad-deċiżjoni li r-rekwiżiti għall-installazzjoni taċ-ċinturini tas-sikurezza u tas-sistemi ta' trażżin, tas-sistemi ta' trażżin għat-tfal, tas-sistemi ISOFIX ta' trażżin tat-tfal u tas-sistemi i-Size ta' trażżin tat-tfal u tat-tfakkiriet għall-qfil taċ-ċinturin tas-sikurezza jitmexxew f'żewġ regolamenti ġodda tan-NU.	ECE/TRANS/WP.29/2024/118

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Kontenut tal-proposta	Referenza tad-dokument [1]
16	Proposta għas-Suppliment 1 tas-Serje ta' Emendi 09 tar-Regolament tan-NU Nru 16 (Ċinturini tas-sikurezza) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para.30, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2024/7, kif emendat bl-Anness VII tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aktar emenda reċenti (reviżjoni 7) tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' kalibrazzjoni, li tiżgura li l-magna tal-punt "H" tridimensjonali użata għall-ittestjar kollu fir-Regolamenti tan-NU u r-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU tkun konsistenti u tagħti riżultati tat-testijiet konsistenti fost ir-regolamenti kollha.	ECE/TRANS/WP.29/2024/124
17	Proposta għas-Suppliment 1 tas-Serje ta' Emendi 11 tar-Regolament tan-NU Nru 17 (Saħħa tas-sits) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para.30, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2024/7, kif emendat bl-Anness VII tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aktar emenda reċenti (reviżjoni 7) tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' kalibrazzjoni, li tiżgura li l-magna tal-punt "H" tridimensjonali użata għall-ittestjar kollu fir-Regolamenti tan-NU u r-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU tkun konsistenti u tagħti riżultati tat-testijiet konsistenti fost ir-regolamenti kollha.	ECE/TRANS/WP.29/2024/125
21	Proposta għas-Suppliment 5 tas-Serje ta' Emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 21(Fittings tal-Intern) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para.30, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2024/7, kif emendat bl-Anness VII tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aktar emenda reċenti (reviżjoni 7) tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' kalibrazzjoni, li tiżgura li l-magna tal-punt "H" tridimensjonali użata għall-ittestjar kollu fir-Regolamenti tan-NU u r-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU tkun konsistenti u tagħti riżultati tat-testijiet konsistenti fost ir-regolamenti kollha.	ECE/TRANS/WP.29/2024/126
25	Proposta għas-Suppliment 2 tas-Serje ta' Emendi 04 tar-Regolament Nru 25 (Trażżin għar-ras) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para.30, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2024/7, kif emendat bl-Anness VII tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aktar emenda reċenti (reviżjoni 7) tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' kalibrazzjoni, li tiżgura li l-magna tal-punt "H" tridimensjonali użata għall-ittestjar kollu fir-Regolamenti tan-NU u r-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU tkun konsistenti u tagħti riżultati tat-testijiet konsistenti fost ir-regolamenti kollha.	ECE/TRANS/WP.29/2024/127

ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2868/oj

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Kontenut tal-proposta	Referenza tad-dokument [1]
29	Proposta għas-Suppliment 6 tas-Serje ta' Emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 29 (Kabini ta' vetturi kummerċjali) (ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para.30, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2024/7 kif emendat bl-Anness VII tar-rapport)	L-emendi proposti jfittxu li jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aktar emenda reċenti (reviżjoni 7) tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' kalibrazzjoni, li tiżgura li l-magna tal-punt "H" tridimensjonali użata għall-ittestjar kollu fir-Regolamenti tan-NU u r-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU tkun konsistenti u tagħti riżultati tat-testijiet konsistenti fost ir-regolamenti kollha.	ECE/TRANS/WP.29/2024/128
43	Proposta għas-Suppliment 12 tas-Serje ta' Emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 43 (Ħġieġa tas-sikurezza) ECE/TRANS/WP.29/GRSG/106, il-para. 10, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2024/19, kif emendat bil-para. 10 tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aktar emenda reċenti (reviżjoni 7) tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' kalibrazzjoni, li tiżgura li l-magna tal-punt "H" tridimensjonali użata għall-ittestjar kollu fir-Regolamenti tan-NU u r-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU tkun konsistenti u tagħti riżultati tat-testijiet konsistenti fost ir-regolamenti kollha.	ECE/TRANS/WP.29/2024/100
46	Proposta għas-Suppliment 1 tas-Serje ta' Emendi 06 tar-Regolament tan-NU Nru 46 (Apparat għall-viżjoni indiretta) ECE/TRANS/WP.29/GRSG/106, il-para. 11 u 12, abbażi ta' GRSG-127-04-Rev.2, kif riprodott mill-Anness II tar-rapport u ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2024/21 kif emendat bil-para. 12 tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aktar emenda reċenti (reviżjoni 7) tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' kalibrazzjoni, li tiżgura li l-magna tal-punt "H" tridimensjonali użata għall-ittestjar kollu fir-Regolamenti tan-NU u r-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU tkun konsistenti u tagħti riżultati tat-testijiet konsistenti fost ir-regolamenti kollha. Barra minn hekk, il-proposta għandha l-għan li tiċċara r-rekwiżiti applikabbli għas-sistemi ta' kamera-monitor u ssolvi l-kwistjoni għall-vetturi li jġorru oġġetti perikoluż, mgħammra b'karatteristika li tippermetti d-deenerġizzazzjoni taċ-ċirkwiti elettriċi.	ECE/TRANS/WP.29/2024/101, GRSG-194–12 (jew, fejn applikabbli, WP.29-194-12)
74	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje ta' emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 74 (Installazzjoni ta' Apparati għat-Tidwil u għas-Sinjalar bid-Dawl għall-Mopeds) ECE/TRANS/WP.29/GRE/90, il-para. 20, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2024/9 kif emendat bi GRE-90-15-Rev.1	L-emendi proposti jfittxu li jintroduċu rekwiżiti ġodda fir-rigward tal-installazzjoni tal-indikaturi tad-direzzjoni fakultattivi fuq ir-roti, inklużi vetturi b'veloċità massima skont id-disinn li ma taqbiżx il-25 km/h.	ECE/TRANS/WP.29/2024/91

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Kontenut tal-proposta	Referenza tad-dokument [1]
80	Proposta għas-Suppliment 1 tas-Serje ta' Emendi 04 tar-Regolament tan-NU Nru 80 (Saħħa tas-sits u l-ankraġġi tagħhom (karozzi tal-linja)) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para.30, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2024/7, kif emendat bl-Anness VII tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aktar emenda reċenti (reviżjoni 7) tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' kalibrazzjoni, li tiżgura li l-magna tal-punt "H" tridimensjonali użata għall-ittestjar kollu fir-Regolamenti tan-NU u r-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU tkun konsistenti u tagħti riżultati tat-testijiet konsistenti fost ir-regolamenti kollha.	ECE/TRANS/WP.29/2024/131
86	Proposta għas-Suppliment 2 tas-serje ta' emendi 02 tar-Regolament tan-NU Nru 86 (Installazzjoni ta' Apparati għat-Tidwil u għas-Sinjalar bid-Dawl għall-Vetturi Agrikoli) ECE/TRANS/WP.29/GRE/90, il-para. 21, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2023/12/Rev.1 kif emendat bi GRE-90-32	L-emendi proposti jfittxu li jintroduċu kjarifiki tekniċi u jipprovdu korrezzjonijiet editorjali fir-rigward tal-viżibbiltà ġeometrika tal-lampi, inklużi n-numru u l-post tagħhom.	ECE/TRANS/WP.29/2024/92
86	Proposta għas-Suppliment 1 tas-serje ta' emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 86 (Installazzjoni ta' Apparati għat-Tidwil u għas-Sinjalar bid-Dawl għall-Vetturi Agrikoli) ECE/TRANS/WP.29/GRE/90, il-para. 21, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRE/2024/10, kif emendat bi GRE-90-32	L-emendi proposti jfittxu li jintroduċu kjarifiki tekniċi u jipprovdu korrezzjonijiet editorjali fir-rigward tal-viżibbiltà ġeometrika tal-lampi, inklużi n-numru u l-post tagħhom.	ECE/TRANS/WP.29/2024/93
94	Proposta għas-Suppliment 1 tas-Serje ta' Emendi 05 tar-Regolament tan-NU Nru 94 (Protezzjoni f'każ ta' ħabta frontali) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para.30, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2024/7, kif emendat bl-Anness VII tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aktar emenda reċenti (reviżjoni 7) tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' kalibrazzjoni, li tiżgura li l-magna tal-punt "H" tridimensjonali użata għall-ittestjar kollu fir-Regolamenti tan-NU u r-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU tkun konsistenti u tagħti riżultati tat-testijiet konsistenti fost ir-regolamenti kollha.	ECE/TRANS/WP.29/2024/132
95	Proposta għas-Suppliment 1 tas-Serje ta' Emendi 06 tar-Regolament tan-NU Nru 95 (Protezzjoni f'każ ta' ħabta laterali) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para.30, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSP/2024/7, kif emendat bl-Anness VII tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jallinjaw ir-rekwiżiti mal-aktar emenda reċenti (reviżjoni 7) tar-Riżoluzzjoni Konsolidata dwar il-Kostruzzjoni tal-Vetturi (R.E.3), bl-introduzzjoni ta' proċedura ta' kalibrazzjoni, li tiżgura li l-magna tal-punt "H" tridimensjonali użata għall-ittestjar kollu fir-Regolamenti tan-NU u r-Regolamenti Tekniċi Globali tan-NU tkun konsistenti u tagħti riżultati tat-testijiet konsistenti fost ir-regolamenti kollha.	ECE/TRANS/WP.29/2024/133

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Kontenut tal-proposta	Referenza tad-dokument [1]
100	Proposta għas-Suppliment 4 tas-Serje ta' Emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 100 (Vetturi b'motopropulsjoni elettrika) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para. 18, abbażi ta' GRSP-75-01-Rev.3.	L-emendi proposti jfittxu li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament għal vetturi tal-kategorija O (trejlers/semitrejlers).	ECE/TRANS/WP.29/2024/121
100	Proposta għas-Suppliment 1 tas-Serje ta' Emendi 04 tar-Regolament tan-NU Nru 100 (Vetturi b'motopropulsjoni elettrika) ECE/TRANS/WP.29/GRSP/75, il-para. 18, abbażi ta' GRSP-75-01-Rev.3.	L-emendi proposti jfittxu li jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tar-regolament għal vetturi tal-kategorija O (trejlers/semitrejlers).	ECE/TRANS/WP.29/2024/122
110	Proposta għas-Suppliment 10 tal-Verżjoni Oriġinali tar-Regolament tan-NU Nru 110 (Vetturi li jaħdmu bil-Gass Naturali Kkompressat u bil-Gass Naturali Likwifikat) ECE/TRANS/WP.29/GRSG/106, il-para. 28, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2024/28	L-emendi proposti jfittxu li jimmodifikaw ir-rekwiżiti tal-immarkar meta aktar minn regolament wieħed tan-NU japplika għal komponent wieħed, u b'hekk jallinjaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 110 mar-Regolamenti tan-NU Nri 67, 107 u 158.	ECE/TRANS/WP.29/2024/102, GRSG-194–13 (jew, fejn applikabbli, WP.29-194-13)
110	Proposta għas-Suppliment 8 tas-Serje ta' Emendi 01 tar-Regolament tan-NU Nru 110 (Vetturi tal-Gass Naturali Kompressat u tal-Gass Naturali Likwifikat) ECE/TRANS/WP.29/GRSG/106, il-para. 28, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2024/29	L-emendi proposti jfittxu li jimmodifikaw ir-rekwiżiti tal-immarkar meta aktar minn regolament wieħed tan-NU japplika għal komponent wieħed, u b'hekk jallinjaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 110 mar-Regolamenti tan-NU Nri 67, 107 u 158.	ECE/TRANS/WP.29/2024/103
110	Proposta għas-Suppliment 2 tas-Serje ta' Emendi 02 tar-Regolament tan-NU Nru 110 (Vetturi tal-Gass Naturali Kompressat u tal-Gass Naturali Likwifikat) ECE/TRANS/WP.29/GRSG/106, il-para. 28, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2024/30	L-emendi proposti jfittxu li jimmodifikaw ir-rekwiżiti tal-immarkar meta aktar minn regolament wieħed tan-NU japplika għal komponent wieħed, u b'hekk jallinjaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 110 mar-Regolamenti tan-NU Nri 67, 107 u 158.	ECE/TRANS/WP.29/2024/104
110	Proposta għas-Suppliment 3 tas-Serje ta' Emendi 03 tar-Regolament tan-NU Nru 110 (Vetturi tal-Gass Naturali Kompressat u tal-Gass Naturali Likwifikat) ECE/TRANS/WP.29/GRSG/106, il-para. 28, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2024/31	L-emendi proposti jfittxu li jimmodifikaw ir-rekwiżiti tal-immarkar meta aktar minn regolament wieħed tan-NU japplika għal komponent wieħed, u b'hekk jallinjaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 110 mar-Regolamenti tan-NU Nri 67, 107 u 158.	ECE/TRANS/WP.29/2024/105

Regolament Nru	Titlu tal-punt fl-aġenda	Kontenut tal-proposta	Referenza tad-dokument [1]
110	Proposta għas-Suppliment 5 tas-Serje ta' Emendi 04 tar-Regolament tan-NU Nru 110 (Vetturi tal-Gass Naturali Kompressat u tal-Gass Naturali Likwifikat) ECE/TRANS/WP.29/GRSG/106, il-para. 28, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2024/2	L-emendi proposti jfittxu li jimmodifikaw ir-rekwiżiti tal-immarkar meta aktar minn regolament wieħed tan-NU japplika għal komponent wieħed, u b'hekk jallinjaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 110 mar-Regolamenti tan-NU Nri 67, 107 u 158.	ECE/TRANS/WP.29/2024/106
110	Proposta għas-Suppliment 1 tas-Serje ta' Emendi 05 tar-Regolament tan-NU Nru 110 (Vetturi tal-Gass Naturali Kompressat u tal-Gass Naturali Likwifikat) ECE/TRANS/WP.29/GRSG/106, il-para. 28, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2024/14	L-emendi proposti jfittxu li jimmodifikaw ir-rekwiżiti tal-immarkar meta aktar minn regolament wieħed tan-NU japplika għal komponent wieħed, u b'hekk jallinjaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 110 mar-Regolamenti tan-NU Nri 67, 107 u 158.	ECE/TRANS/WP.29/2024/107
110	Proposta għas-Suppliment 1 tas-Serje ta' Emendi 06 tar-Regolament tan-NU Nru 110 (Vetturi tal-Gass Naturali Kompressat u tal-Gass Naturali Likwifikat) ECE/TRANS/WP.29/GRSG/106, il-para. 28 u 29, abbażi ta' ECE/TRANS/WP.29/GRSG/2024/15 mhux emendat, u GRSG-127-03 u GRSG-127-21 kif riprodotti fl-Anness VI tar-rapport	L-emendi proposti jfittxu li jimmodifikaw ir-rekwiżiti tal-immarkar meta aktar minn regolament wieħed tan-NU japplika għal komponent wieħed, u b'hekk jallinjaw ir-rekwiżiti tar-Regolament tan-NU Nru 110 mar-Regolamenti tan-NU Nri 67, 107 u 158. Barra minn hekk, il-proposta tfittex li tiċċara u tiddefinixxi t-tifsira ta' "pressjoni stabbilita".	ECE/TRANS/WP.29/2024/108
